## Tagħrifa żgħira

Fi *Il-Malti* ta' Settembru 1938, faċċ. 67, Dun Karm wissa l-kittieba biex jimxu fi triq waħda fil-kitba ta' verbi bħal *ġemo'*, *sema'* li xi wħud jiktbuhom bil-vokali *e* u oħrajn bil-xokali *a*. U ta wkoll xi reguli meta għandna niktbu *e*, u meta għandna niktbu *a*. Billi jidhirli li dawk ir-reguli mhumiex mibnijin fis-sħiħ biżżejjed, irrid inżid hawn tagħrifa żgħira.

L-ewwel nett fuq il-vokali tal-verb jien ktibt xi ħaġa f'dan il-qari għaxar snin ilu (Ġunju 1928, faċċ. 36-39), u bi ħsiebni nikteb aktar fit-tul band'oħra. Fi ftit kliem nistgħu ngħidu li meta l-aħħar konsonanti hi *għ* il-vokali tal-verb huma *e-a*, hekk: *bela'*, *beża'*, *ġema'*, *neża'*, *żera'*, *sema'*, *tefa'*. L-ewwel vokali hi *a* meta l-ewwel jew it-tieni konsonanti huma minn dawk li jridu l-vokali *a*, hekk : *qata'*, *qala'*, *waqa'*, *laqa'*, *faqa'*. Jekk l-aħħar konsonanti hija waħda mid-dgħajfin *j* jew *w*, il-vokali huma wkoll *e-a*, hekk *bena*, *beka*, *beda*, *ġera*, *mexa*, *kera*, *lewa*, *fela*, *feda*, *nesa*. Jekk l-ewwel jew it-tieni konsonanti huma minn dawk li jridu l-vokali *a*, il-vokali huma *a-a*, hekk : *qara*, *ragħa*, *dagħa*, *ħata*.

Iżda hemm qatgħa verbi li għandhom il-vokali *e-a*, għalkemm imisshom jitħarrku *a-a*, hekk : *ħeba*, *ħema*, *ħela*, *ħefa*, *qela*, *qeda*, *reħa*, *għewa*. Dawn il-verbi huma mdakkrin mill-verbi bħal *gera*, li huma aktar fil-għadd, u saru bħalhom. Imma l-vokali *a* baqgħet sħiħa fl-infinit, hekk: *ħami*, *qali*, *ħabi*.

Dawn ir-reguli huma mibnijin fuq il-fonetka tal-Malti mqabbla mal-fonetka tal-ilsna semin. Iżda nistqarru li aħna u nitħaddtu l-vokali *e* u *a* f'ħafna verbi jinbidlu, u għalhekk min igħid *sema'* u min igħid *sama'*.

P. P. Saydon

## Liż-Żagħżugħ Poeta

*(bl twissija ta' mħabba)*

Tikteb bil-ħaqq wis-sewwa. Jiena bħalek
  għadni ma rajtx! U xjieħt, mgħobbi bis-snin!
  Int tgħid li bħalek m'hemmx fuq l-art! U lilek
  ma tista' tifhem qatt, kollha l-bnedmin!

*Dak*, l'inti tistqarr dinu, għallem dejjem:–
  *Sabar*!. . . kulħadd, kuljum u kullimkien!
  Int tgħid;—li tħoss u tifhem, li bis-sabar
  tasal ma stajtx! U qatt ma wsalt imkien!

"Fost il-bnedmin, lil ħadd m'għandek ħabibek!"
  Stqarrejtu int! U tkisser fl-istess ħin:—
  "Ħabibek kollox!" Tbarri biss lill-bniedem
  U dinek jgħid:–*L-Aħwa Nħobbu 'l Xulxin!*

Jew inti turi ħaġa b'oħra, nkella
  li tikteb, ma jaqbilx sewwa mal-ħsieb.
  Jien rajtek fuq l-imwejjed, bħall-ħaddara,
  *Tixxiegħe! Tiekol u Tixrob mal-Ħbieb!*

Ma nista' nifhmek b'xejn! U jiena bħalek
  għadni ma rajt imkien, u xjieħt bis-snin!
  Int tgħid li bħalek m'hemmx fuq l-art. . . u lilek
  ma tixbah xejn il-bqija tal-bnedmin!

R. M. B.

4-10-1938.

N.B. Fl-aħħar ħarġa tal-Malti fil-Poeżija *Il-Ħakem Baldassar* ta' R.M B. id-disa' vers mill-aħħar irid jinqara hekk:

"magħdub jidrishom minnu fost il-ħajjin!"